**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 25 – L-ERBGĦA 25 TA' MEJJU 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. IL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti nqraw u wara li kienu approvati gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sur Jeremy Anthony Dalli, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa giet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2. FONDAZZJONI GRUPP AZZJONI MAJJISTRAL

2.1 Ms Marisa Marmara, uffiċċjal tal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral, indirizzat lill-membri tal-Kunsill fejn spjegat l-għanijiet ta' din il-fondazzjoni. Hija tkellmet dwar l-oqsma fejn il-Kunsill Lokali jista' jsib mod biex iwettaq proġetti għall-ġid tar-residenti fil-lokalità permezz tal-programm 'LEADER'.

2.2 Il-Kunsilli Lokali qegħdin jiġu mħeġġa, biex, bl-esperjenza li diġà kisbu fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom, jingħaqdu u flimkien jimplimentaw miżuri biex ir-reġjun tal-Majjistral jibbenifika minn żvilupp u jieħu dimensjoni ġdida.

## 3 IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU

3.1 Is-Sur Hugh Arnet, konsulent tal-imaniġġjar tat-traffiku, spjega noti li huwa kien ġabar waqt spezzjoni li għamel f'xi toroq f'Ħal Lija, nhar id-19 ta' Mejju 2011. Huwa rrefera għal numru ta' tibdiliet li jinħtieġ isiru fir-rigward ta' direzzjoni tat-traffiku, tabelli tas-sinjali tat-traffiku u 'traffic calmers' li huma meħtieġa f'dawn it-toroq. Huwa rrefera għal miżuri li għandhom jittieħdu f'dawn it-toroq biex b'dan il-mod tittaffa parti mill-problema tat-traffiku li tgħaddi mil-Lokalita ta' Ħal Lija.

3.2 Is-sur Arnet għandu jibgħat ittra b'referenza ta' ħlasijiet għas-servizz tiegħu sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżżjoni dwar is-servizz ta' dan il-konsulent tat-traffiku.

## 4 HOUSING ESTATE

**4.1** Il-Kunsill approva biex jinsisti mal-Perit John Rizzo Naudi, Contract Manager tal-Kunsill, biex dan jissottometti rapport detalljat dwar ix-xogħlijiet meħtieġa inkluża stima ta' l-ispejjeż li għadhom ikunu proposti li jsiru fil-Housing Estate ta' Ħal Lija.

4.2 Dan ir-rapport għandu jitressaq lid-Dipartiment tad-Djar meta terġa' tinħareġ sejħa ta' xogħlijiet li għandhom isiru fil-Housing Estates ta' kull lokalità.

## 5 IL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – IT-TOROQ

5.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill dwar laqgħa li nżammet mal-kuntrattur, Polidano Brothers, flimkien mal-Perit John Rizzo Naudi fejn ġiet diskussa l-problema dwar xogħlijiet tal-Water Service Corporation u d-Drainage Department dwar servizzi fi Triq Annibale Preca.

5.3 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill li kienet saret talba lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex din l-ispiża żejda tiżdied mal-programm fil-proġett tal-PPP – Toroq.

5.3 Il-Kunsill unanimament qabel biex ikompli jinsisti biex ix-xogħol f'din it-triq jinbeda mill-aktar fis possibli u kemm-il darba r-risposta tibqa' tkun negattiva, il-Kunsill għandu jieħu il-passi neċessarji skont il-ftehim fit-tender.

## 6 TRIQ PREZIOSI

6.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill li x-xogħlijiet f'din it-Triq ġew inklużi fil-programm ta' xogħlijiet ta' tisbiħ ta' toroq li l-Gvern Ċentrali għandu pprogrammat li jwettaq f'diversi lokalitajiet f'Malta.

## 7 L-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL

7.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, spjega dwar il-ħidma li qed issir biex tinżamm relazzjoni aħjar mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex dan jikkonċedi spazji meħtieġa biex jinbena Uffiċċju tal-Kunsill.

7.2 Jidher li l-Uffiċċjal li qed jamministra l-Kullegg ta' Santa Tereża u li taħthom taqa' l-iskola Primarja f'Ħal Lija, huwa lest jgħin biex dan il-proġett isib ukoll l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

7.3 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, flimkien mal-Kunsilliera qablu biex l-ittra ta' Dr Marc Sant dwar deċiżżjoni fuq dan is-suġġet li ttieħdet fil-laqgħa numru 23 l-'Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill u Mitħna tal-Għadriet' tkun annessa ma' dawn il-minuti.

## 8 KAMRA TAN-NAR SAN MIKIEL

8.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, għamel spjegazzjoni għaliex 'l-ittra ċirkulari dwar il-kamra tan-nar San Mikiel kienet għadha ma ħarġitx mill-Kunsill'.

8.2 Is-Sindku qal li huwa kien bagħat abbozz ta' ittra li kienet ibbażata fuq dak li ntqal fil-Kunsill matul l-aħħar laqgħa fuq dan is-suġġett. Billi xi Kunsilliera ressqu diversi paragrafi addizzjonali u minħabba s-sensittività ta' din l-ittra, is-Sindku Dr Ian Castalid Paris, ħass li l-ittra finali b'xi

emendi għandha tkun diskussa, approvata u ppublikata biex ma jkunx hemm dubji dwar l-andament tagħha.

8.3 Wara li nqrat din l-ittra, din ġiet approvata unanimament.

8.4 Għall-mistoqsija tas-Sinjorina Lorraine Farrugia, lill-Vici Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, dwar il-'lista ta' firem' taħt petizzjoni mill-Għaqda tan-Nar San Mikiel, il-Viċi-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ikkonfermat li hija iffirmat b'mod personali u mhux f'isem il-Kunsill.

## 9 KUNTRATT KNIS TAT-TOROQ

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li l-kuntratt tal-knis tat-toroq għandu jkun ippublikat fil-31 ta' Mejju 2011 u d-data tal-għeluq hija 22 ta' Ġunju 2011.

## 10 JUM ĦAL LIJA

10.1 IL-Kunsill unanimament approva biex tinżamm l-attività Jum Ħal Lija nhar l-Erbgħa 6 ta' Lulju 2011 fi Pjazza Transfigurazzajoni. Il-preparamenti neċessarji għadhom jitlestew biex jinħareġ programm uffiċjali dettaljat ħalli jitqassam lir-residenti.

10.2 Il-Kunsill approva biex il-grupp filarmoniku Santa Marija Accordian jeżegwixxi programm mużikali fil-Pjazza Trasfigurazzjoni.

## 11 KONTABILITÀ

11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, ressaq quddiem il-Kunsill l-ittra mingħand l-awdituri dwar id-dikjarazzjoni finanzjarja 2010 bid-data tas-27 t'April 2011.

11.2 Wara li s-Segretarju spjega kull punt li kien hemm f'din l-ittra mal-Kunsill fuq proposta ta' Dr Ian Castaldi Paris, sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 12 AFFARIJIET OĦRA

12.1 Mitħna tal-Għadiriet

Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ġibdet l-attenzjoni dwar il-ħtiega biex l-aperturi fil-Mitħna ta l-Għadiriet jigu rranġati u jinżebgħu mill-ġdid għax jinsabu fi stat ta' bżonn ta' manutenzjoni urġenti. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ser jieħu azzjoni neċessarja.

12.2 Ħsarat fl-għalqa ħdejn ta' Senna

Fuq proposta tas-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-Kunsill unanimament approva biex jitħallsu ħsarat li ġew ikkawzati minn għargħar fl-inħawi ta' Senna fl-għalqa tas-Sur George Fenech fejn kien hemm prodotti miżrugħa.

Id-Direttur tal-Agrikultura kkonferma dawn il-ħsarat u l-Perit John Rizzo Naudi, Contract Manager tal-Kunsill, ikkonferma li dawn il-ħsarat kienu kawża ta' għargħar fit-Toroq ta' Senna.

## 13 IL-LAQGĦA

13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Ħamis 30 ta' Ġunju 2011 fil-5.00p.m..

Dr Ian Castaldi Paris
Is-Sindku

Sur Alffred Buhagiar
Is-Segretarju Eżekuttiv